MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 88/1998/1

Citazzjoni numru 88/1998

Pauline Grima u Veronica Grima

vs

Celestino Cini u Joseph Cini

Il-Qorti;

Fic-citazzjoni taghhom l-atturi jghidu:

Illi fit-30 ta' April 1996, Pauline Grima kienet qeghdha issuq karozza tat-tip BMW u bin-numru ta' registrazzjoni J-7933, proprjeta' ta' Veronica Grima, matul Triq l-Imgarr fil-Victoria, Ghawdex, bi speed moderat u bid-diligenza kollha minnha rikjesta mil-ligi;

Illi l-konvenut Celestino Cini kien qieghed isuq vettura tat-tip Volks Wagen Golf u bin-numru ta' registrazzjoni W-6394, proprjeta' ta' missieru l-konvenut l-iehor Joseph Cini, bi traskuragni grassa, b'imperizja, bi speed eccessiv u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku bil-konsegwenza illi huwa investa fil-vettura ta' Veronica Grima u misjuqha minn bintha Pauline u b'hekk ikkaguna l-incident awtomobilistiku ghal-liema incident il-konvenut Celestino Cini kien unikament responsabbli;

Illi per konsegwenza ta' dan l-incident l-atturi sofrew hsarat konsiderevoli fil-vettura taghhom, kif jigi dettaljatament ippruvat waqt is-smiegh ta' l-istess kawza;

Illi l-istess konvenuti ghalkemm gew interpellati diversi drabi sabiex bonarjament jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-atturi, dawn dejjem baqghu inadempienti;

Talbu ghaliex dina l-Qorti, m'ghandhiex:

1. tiddikjara illi l-konvenut Celestino Cini huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi;

2. tillikwida ghalhekk id-danni kollha sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' dan l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi u dan jekk hemm bzonn permezz ta' perit li ghandu jigi nominat ghal dan il-fini;

3. tikkundanna lill-istess konvenuti Cini sabiex ihalsu lill-atturi d-danni kollha hekk sofferti u likwidati;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Marzu 1998, ta'l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ma' din ic-citazzjoni lill-assikurazzjoni tal-konvenuti u tal-Mandat ta' Qbid pprezentat ukoll kontestwalment ma' din ic-citazzjoni u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni. Bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata minn Pauline Grima flimkien mal-lista tax-xhieda annessa.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Cini li eccepixxa:

1. li l-eccipjenti m’ghandu ebda ‘locus standi iudicii’ f’din il-kawza peress illi la kien il-kawza prossima u lanqas il-kawza remota tad-danni allegatament sofferti mill-atturi u lanqas kien b’xi mod involut jew konness ma’ l-incident meritu ta’ din il-kawza hlief li l-vettura misjuqa mill-konvenut l-iehor Celestino Cini hija registrata f’isem l-eccipjenti u ghaldaqstant it-talbiet attrici in kwantu u sa fejn huma diretti kontra l-eccipjenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi;

2. li minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mill-eccipjenti, it-tieni talba attrici hija superfluwa stante li l-ammont ta’ danni allegatament soffert mill-atturi huwa gia determinat fis-somma ta’ elf u tliet mitt lira Maltin (Lm1,300) kif jirrizulta mill-atti tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju numru 877/98 ipprezentat kontestwalment kontra l-konvenut flimkien mac-citazzjoni u ghaldaqstant it-tieni talba kif formulata ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda annessa;

Rat il-kontro-citazzjoni ta’ l-imsemmi konvenut Joseph Cini li fiha wara li ppremetta:

Illi jrid jinqeda b’din ic-citazzjoni li saret kontra tieghu sabiex jipprezenta l-kontro-citazzjoni tieghu kontra Pauline Grima;

Illi fl-istess incident in kwistjoni tat-30 ta’ April 1996, il-vettura tal-konvenut Joseph Cini tat-tip Volks Wagen Golf bin-numru ta’ registrazzjoni W-6394 li fil-hin ta’ l-incident

kienet misjuqa minn ibnu Celestino Cini garbet hsarat estensivi;

Illi l-ispejjez biex giet imsewwija din il-hsara jammontaw ghal tmien mija u tletin lira Maltin (Lm830) f'parts u xoghol, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi d-danni li gew sofferti mill-konvenut fil-vettura tieghu gew ikkagunati kollha tort ta' l-attrici Pauline Grima li kienet is-sewwieqa tal-vettura tat-tip BMW bin-numru ta' registrazzjoni J-7933, u li hi kienet il-htija u l-kagun tal-habta mal-vettura tal-konvenut minhabba sewqan traskurat u inavvertenti u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess attrici;

Illi minkejja li l-attrici giet debitament interpellata sabiex thallas dawn id-danni sofferti mill-konvenut hija baqghet inadempjenti;

Talab ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara lil Pauline Grima unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni;

2. tiddikjara li d-danni sofferti mill-konvenut fil-vettura tieghu jammontaw ghal tmien mija u tletin lira Maltin (Lm830);

3. tiddikjara dovuta lill-konvenut mill-attrici Pauline Grima s-somma msemmija ta' tmien mija u tletin lira Maltin (Lm830);

4. tikkundanna lill-istess attrici thallas id-danni kollha sofferti mill-konvenut fil-vettura tieghu liema danni jammontaw ghas-somma ta' tmien mija u tletin lira Maltin (Lm830);

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Marzu 1998 u bl-imghax skond il-ligi fuq is-somma kollha minn meta tlestew ix-xoghlijiet fuq il-vettura tal-konvenut sal-hlas a saldu.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata, il-lista tax-xhieda, u l-lista ta’ dokumenti annessi mal-kontro-citazzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Celestino Cini li eccepixxa:

1. illi t-tieni talba hija superfluwa stante illi l-ammont ta’ danni allegatament soffert mill-atturi huwa gia determinant fis-somma ta’ elf u tliet mitt lira Maltin (Lm1,300) kif jirrizulta mill-atti tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju numru 877/98 ipprezentat kontestwalment kontra l-konvenut flimkien mac-citazzjoni u ghaldaqstant it-tieni talba kif formulata ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;

2. illi l-eccipjenti m’huwiex responsabbli ghall-incident stradali imsemmi fic-citazzjoni attrici izda kienet l-attrici Pauline Grima illi bi traskuragni, b’innavvertenza grassa u bin-non-kuranza taghha u b’nuqqas grossolan tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess attrici, hija holqot emergenza subitanea lill-eccipjenti u li fil-hin li grat il-habta kien qieghed jaghmel manuvra ta’ surpass meta habta u sabta u bla ma hadet ebda prekawzjoni hija ghamlet manuvra perikoluza meta ghamlet ‘right-hand turn’ biex taqsam it-triq u tidhol fil-‘petrol station’ ta’ Maurice Borg li tinsab faccata fejn sehh l-incident meritu tal-kawza.

3. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu u l-lista tax-xhieda annessa.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Pauline Grima ghal kontro-citazzjoni tal-konvenut Joseph Cini li fiha eccepiet:

1. illi d-domandi tal-konvenut Joseph Cini huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dana peress illi l-incident in

kwistjoni gara unikament htija tal-konvenut l-iehor Celestino Cini kif jigi dettaljatament ippruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

2. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha u l-lista tax-xhieda.

Ezaminat ix-xhieda kollha;

Rat l-atti u d-dokumenti wkoll n-noti ta' osservazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-kontendenti qeghdin jaddossaw ir-responsabilita' ghall-kollizjoni li sehhet, u li tikkostitwixxi l-meritu uniku tal-kawza, fuq xulxin. Il-kollizjoni hi dik li grat fit-30 ta' April 1996 u ko-involti fost il-kontendenti hemm l-attrici Pauline Grima li kienet qed issuq il-vettura numru ta' registrazzjoni J-7933 tal-marka BMW u l-konvenut Celestino Cini li kien qieghed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni W-6394 tal-marka Volkswagon Golf. Il-komparenti l-ohra Pauline Grima u Joseph Cini huma l-proprjetarji rispettivi ta' 'l fuq imsemmija vetturi.

Ghal dik li hija d-dinamika ta' l-incident iz-zewg sewwieqa rispettivi jaqblu illi hi sehhet fil-kors ta' manuvra ta' sorpass tal-konvenut Celestino Cini. Fil-fatt m'hemmx kontestazzjoni li z-zewg sewwieqa kienu qabel l-incident jittranzitaw Triq l-Imgarr fid-direzzjoni tal-Belt Vittoria u l-attrici kienet qeghdha issuq fuq quddiem u l-konvenut warajha. Il-habta grat meta l-attrici mmanuvrat biex tidhol fl-istazzjon fuq il-karreggata opposta fl-istess waqt li l-konvenut kien qieghed jaghmel manuvra ta' sorpass. L-attrici in propositu tistqarr illi: " …waqt li konna fi Triq l-Imgarr fil-limiti tal-Victoria, Ghawdex, sejrin mid-direzzjoni ta' l-Imgarr lejn il-Victoria, jiena ghamilt l-indicators sabiex nidhol fil-pompa tal-petrol ta' Maurice Borg bl-isem Gozo

Service Station. Qabel ghamilt l-indicators kont qed nsuq b'madwar erbghin kilometru fis-siegha u malli ghamilt l-indicators bdejt nislowja biex nikser u nidhol fil-pompa tal-petrol … Jiena kont ser nikser fil-parti tat-triq fejn id-double line huwa maqtugh biex wiehed ikun jista' jidhol fil-pompa tal-petrol…". Il-konvenut, minn naha tieghu, spjega l-incident hekk: "… dak inhar jiena kont gej mid-direzzjoni minn Ghajnsielem ghal Victoria. Quddiemi kien hemm issuq l-attrici Pauline Grima. Konna sejrin fl-istess direzzjoni fi Triq l-Imgarr, Victoria…l-ewwel darba li ndunajt lill-attrici ssuq quddiemi kien ftit 'il isfel mill-ground tal-football. Innotajt lill-attrici li kienet qeghdha titkellem ma' guvnott li kellha riekeb hdejha u aktar kienet qeghdha thares lejh u hsiebha fih milli 'l quddiem. Jiena ghamilt manuvra ta' sorpass u qabel m'ghamilt dan jiena xeghelt l-indicators u accertajt ruhi li nista' naghmlu bla ebda perikolu. Meta l-vettura tieghi kienet waslet kwazi ras imbras mal-vettura ta' Pauline Grima, hi dawret habta u sabta l-vettura taghha ghal fuqi u hakmet il-mudguard ta' quddiem tal-karozza tieghi u baqghet tkaxkarni maghha ghal gol-petrol station … Jiena malli rajtha tikser ghal fuqi kont pront uzajt il-horn u ppruvajt niehu azzjoni evaziva ghal fuq il-lemin tieghi izda l-attrici tant daret f'daqqa ghal fuqi li lanqas biss indunajt li kont qed nissorpassa l-vettura taghha. Nghid illi hi f'ebda hin ma harset lejn il-mera tal-genb u lanqas tan-nofs qabel ma daret ghal fuq il-lemin taghha u lanqas waqfet izda kif kienet gejja issuq baqghet iddur ghal fuq il-lemin taghha billi mid-direzzjoni opposta u cioe' minn Victoria ma kien gej hadd".

Illi l-konvenut f'din ix-xhieda tieghu, kif ukoll fil-kontro-ezami, cahad li l-attrici Pauline Grima kienet xeghlet l-'indicator'. Diversament, pero', kien stqarr mal-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kollizjoni, fejn kien sahansitra stqarr li ma kienx intebah li l-attrici kienet qed taqsam ghal gewwa l-'petrol station'.

Illi fuq daqshekk biss din il-Qorti tista' tieqaf hawn u takkolla r-responsabilita' tal-habta interament fuq il-konvenut. Izda hemm fatturi ohra li jkomplu jassodaw din il-konkluzjoni taghha u dan kemm mil-latt fattwali u kemm mil-latt legali. Hemm, per ezempju, mil-latt fattwali, t-tul

tal-‘brake marks’ li huwa halla, kif wkoll il-hsara sofferta fiz-zewg vetturi u hemm wkoll l-fatt ta’ l-istazzjon tal-petrol u l-linji medjani, fil-qrib taghha, li jippermettu vetturi fuq l-karreggata opposta (kif kienet l-attrici) li jaccedu ghall-istess stazzjon, liema fatturi, kkunsidrati flimkien max-xhieda tal-konvenut, ma jhallu ebda dubbju f’mohh din il-Qorti dwar fejn ghandha tigi akkollata r-responsabilita’, aktar u aktar meta jigi kkunsidrat l-latt legali, li tidher konformi fil-hsieb li manuvra ta’ surpass hija wahda perikoluza u wiehed m’ghandux jaghmilha jekk mhux wara li jiehu l-prekawzzjonijiet mehtiega u jassigura li b’din il-manuvra hu ma jkunx ser ikun ta’ perikolu ghas-sewwieqa ta’ l-istess triq b’dan li hu ntitolat biss jassumi li jista’ jissorpassa minghajr perikolu f’kaz li s-sewwieq ta’ quddiemu ma’ juri l-ebda sinjal ta’ xi manuvra in aspettata. Fuq il-linji gwida tal-Kodici tat-Triq l-*Qorti tal-Appell f’kawza deciza fis-26 ta’ Gunju 1961 fl-ismijiet “Alfred Zammit Cutajar noe vs Joseph Formosa et”* irriteniet li s-sewwieq ta’ karozza li jigi biex jaqbez karozza ohra ghandu jkun zgur qabel ma jaghmel dik il-manuvra li jista’ jaghmilha b’sikurezza. Issa mill-fatti ta’ din il-kawza ghandu jirrizulta car li l-konvenut Celestino Cini ma rahx jew ma tahx kaz dak li kellu jkun “in plain view” u donnu kien aktar interessat jinnota x’kienet qeghdha taghmel is-sewwieq ta’ quddiemu milli joqghod attent u jiehu kaz l-avviz li tat li kienet ser tikser fuq il-lemin ghal gewwa l-istazzjon tal-petrol.

Illi ghalkemm dina l-Qorti qeghdha ssib tort ghall-kollizjoni fil-konvenut ghandu jirrizulta wisq car illi ebda responsabbilta’ ma tista’ tigi adossata fuq il-konvenut l-iehor Joseph Cini.

Illi rigward id-danni sofferti mill-attrici Veronica Grima fil-vettura BMW stante li hija s-sid taghha jirrizulta li l-hsara tammonta ghal elf mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm1124.44).

Ghaldaqstant qeghdha tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi:

1. tilqa’ t-talbiet ta’ l-atturi, tiddikjara lill-konvenut Celestino Cini responsabbli unikament ghall-incident awtomobilistiku meritu il-proceduri, tillikwida d-danni sofferti fil-vettura BMW fl-ammont ta’ elf mija erbgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u erbghin lira Maltin (Lm1124.44) u tikkundanna l-istess konvenut ihallas lill-atturi jew min minnhom dawn id-danni kif likwidati;

2. tichad it-talbiet ta’ l-atturi fil-konfront tal-konvenut Joseph Cini izda tichad t-talbiet ta’ dan fil-kontro-citazzjoni tieghu fil-konfront ta’ l-attur;

3. tichad t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Celestino Cini fil-waqt li tieqaf li tiehu konjizzjoni ta’ l-ewwel eccezzjoni stante li dina l-eccezzjoni giet minnu irtirata fil-mori u fl-ahhar stadju tal-kawza b’dan pero illi l-ispejjez tal-kawza istitwita mill-atturi kontra tieghu ikunu ghak-karigu tieghu hlief ghal dawk tal-konvenut Joseph Cini li ghandhom jigu sopportati mill-atturi;

4. tikkundanna lill-konvenut Joseph Cini l-ispejjez konessi u attinenti ghall-kontro-citazzjoni tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------